MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 260/1982/1

**Maria xebba Azzopardi u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1985, il-gudizzju gie trasfuz f'ismijiet ta' John u Francesca mizzewgin Attard, *stante* l-mewt ta' Maria xebba, Azzopardi fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Saver Sciortino, u b'digriet tal-1 ta' Marzu 1992 l-avukat Dr. Peter Borg Costanzi u l-P.L. Lucy Bonello gew nominati kuraturi deputati biex jidhru minflok il-mejjet Saver Sciortino; Paolo Sciortino; Salvu Sciortino u b'digriet tal-1 ta' Marzu 1992 l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace u l-P.L. George Scicluna gew nominati kuraturi deputati biex jidhru minflok il-mejjet Salvu Sciortino; Gianni Sciortino u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1993 l-avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello gew nominati kuraturi deputati biex jidhru minflok il-mejjet Giovanni Sciortino; Calcedonia Sciortino u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 1993 l-Avukat Dottor Simon Micallef**

**Stafrace u l-Prokuratur Legali Paul Saliba gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' l-istess Calcedonia Sciortino; Anna Muscat u b'digriet tad-19 ta' Gunju 1998 l-Avukat Dottor Georg Sapiano u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro gew nominati kuraturi deputati ghall-eredita` gjacenti tal-mejta Anna Muscat; Teresa Bugeja u b'digriet tal-11 ta' Jannar 2005 gew trasfuzi l-atti f'isem Anthony Bugeja, Sandra Borg, Frans Bugeja u Karl Bugeja *stante* l-mewt ta' Teresa Bugeja; Nazzareno Caruana, Joseph Caruana, Maria Buhagiar, Philip Caruana, Concetta Mangion, Joseph Caruana, Gaetano Caruana, Francis Caruana, Felicia Pace, Carmelo Pace u b'digriet tal-1 ta' Marzu 1992 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Elizabetta mart Joseph Farrugia u Carmelo Pace minflok il-mejjet Carmelo Pace; u b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' April 2004 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju minn Carmelo Pace ghal fuq Raymond Pace, Marthese mart Jesmond Scerri, Philip Pace, Carmen Pace u Mary Pace bhala kuratrici ta' Antoinette Pace; Salvu Pace u b'digriet tas-17 ta' Lulju 2000 Dr. Vincent Galea u l-P.L. Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti tal-mejjet Salvatore Pace; Caterina Pace, Filippa Pace, Elisa Pace, Giusa Camilleri, Maria Borg, Filippa Melbourne, u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2001 Dr. Vincent Galea u l-P.L. Victor Bugeja gew appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti tal-mejta Filippa Melbourne; Emanuel Buhagiar u b'digriet tat-18 ta' Marzu 1997 l-avukat Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati ghall-eredita` gjacenti ta' Emanuel Buhagiar li miet fil-mori tal-kawza; u l-Avukat Dr. Anthony Cremona Barbaro u P.L. Benedict H. Dingli kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredi u proprjetarji mhux maghrufa nominati b'digriet tas-6 ta' Ottubru 1981, u b'digriet tas-16 ta' Frar 1987 il-kuraturi deputati Dr. Anthony Cremona Barbaro u l-P.L. Benedict H. Dingli gew sostitwiti minn Dr. Reno Borg u l-P.L. George Scicluna.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta' Marzu 1982 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-kompjant l-Onorevoli Mhallef Carmelo Scicluna fejn gie premess:-

Illi in forza ta' kuntratt tal-11 ta' Settembru 1905 in atti Vincenzo Giorgio Giojoso (Dokument "A") l-antenat ta' l-attrici Michele Azzopardi li huwa n-nannu patern taghha akkwista b'titolu ta' enfitewsi temporanea ghal sitta u sebghin sena il-fond dak iz-zmien maghruf bhala 29 (gja 33) u llum maghruf bhala 40 fi Strada Reale (illum Main Street) Zebbug, liema perijodu kien dekorribbli mid-data ta' l-att; u billi l-enfitewsi msemmija skadiet fl-10 ta' Settembru 1981; u billi l-istess attrici, (dak iz-zmien flimkien ma' ohtha Carmela Azzopardi, illum mejta, u li taghha l-attrici hija l-unika eredi), intimaw lill-konvenuti *ai termini* tal-**Att XXIII tal-1979** li kienu qeghdin jezercitaw id-dritt li taghtihom il-ligi li jikkonvertu l-enfitewsi temporanea imsemmija ghal wahda perpetwa kif taghti l-ligi; u billi l-istess konvenuti baqghu nadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tghaddi biex tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici halli l-enfitewsi temporanea msemmija tal-fond hawn fuq indikat tigi kkonvertita f'wahda perpetwa skond kif hemm mahsub fl-att hawn fuq citat;

2. Tghaddi halli tinnomina Nutar ghall-pubblikazzjoni ta' l-att opportun u, jekk ikun il-kaz, kuraturi halli jirrapprezentaw lill-kontumaci fuq l-istess att li ghandu jigi ppubblikat f'dak il-jum, hin u lok li jigi ffissat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Settembru 1981 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti kif jidher minn fol. 2 sa fol. 6 tal-process li huwa kopja tal-kuntratt tan-Nutar Goijoso u qieghed immarkat bhala Dok “A”;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **Maria u Joseph mizzewgin Borg** datata 25 ta’ Marzu 1982 a fol. 13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-attrici ma ippruvatx id-dritt taghha kif reklamat fl-att tac-citazzjoni.

5. Salv kull eccezzjoni ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Maria u Joseph mizzewgin Borg a fol. 13 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paolo Sciortino, Salvu Sciortino, Gianni Sciortino, Calcedonia Sciortino, Anna Muscat, Gaetano Caruana, Carmelo Pace, Salvu Pace, Caterina Pace, Filippa Pace Elisa Pace, u Giusa Camilleri, datata 29 ta’ Marzu 1982 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju l-gudizzju mhux u ma jistax jkun integru ghaliex ma gewx imharrka l-ko-proprietarji kollha tal-post 40, Main Street, Zebbug (indikat fic-citazzjoni) u ghalhekk it-talbiet attrici huma irriti.

2. Illi d-drittijiet li qieghda tirriklama l-attrici jivvjolaw l-**artikoli 38 u 47** tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

3. Illi l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Paolo Sciortino, Salvu Sciortino, Gianni Sciortino, Calcedonia Sciortino, Anna Muscat, Gaetano Caruana, Carmelo Pace, Salvu Pace, Caterina Pace, Filippa Pace Elisa Pace, u Giusa Camilleri a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Teresa Bugeja, Joseph Caruana, Concetta Mangion, Philip Caruana, Nazzareno Caruana u Maria Buhagiar datata 30 ta' Marzu 1982 a fol. 16 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju l-gudizzju mhux u ma jistax jkun integru ghaliex ma gewx imharka l-ko-proprietarji kollha tal-post 40, Main Street, Zebbug (indikat fic-citazzjoni) u ghalhekk it-talbiet attrici huma irriti.

2. Illi d-drittijiet li qieghda tirriklama l-attrici jivvjolaw l-**artikoli 38 u 47** tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. Illi l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Teresa Bugeja, Joseph Caruana, Concetta Mangion, Philip Caruana, Nazzareno Caruana u Maria Buhagiar kif jidher a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta **Filippa Melbourne** datata 19 ta' Marzu 1982 (fol.18) fejn eccepiet:

1. Illi *in linea* preliminari l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex l-attrici ma gabetx il-provi li hija eredi sija ta' Michael Azzopardi kif ukoll ta' Carmela Azzopardi;

2. Illi l-gudizzju ma huwiex integru ghaliex in-nomina tal-kuraturi ma treggix ghaliex ma hijiex maghmula fit-termini ta’ l-**artikolu 928** tal-Procedura Civili;

3. Illi c-citazzjoni hija nulla ghaliex difettuza billi hija nieqsa minn diversi rekwisiti li titlob il-ligi f’dan ir-rigward;

Salv kull eccezzjoni ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Filippa Melbourne u l-lista tax-xhieda a fol. 18 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* datata 6 ta’ April 1982 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jgibu l-eccezzjonijiet taghhom meta jkunu hekk edotti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda a fol. 19 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **Joseph Caruana u Francis Caruana** datata 28 ta’ April 1982 a fol. 20 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju l-gudizzju mhux u ma jistax ikun integru ghaliex ma gewx imharka l-ko-proprietarji kollha tal-post 40, Main Street, Zebbug (indikat fic-citazzjoni) u ghalhekk it-talbiet attrici huma irriti.

2. Illi d-drittijiet li qieghda tirriklama l-attrici jivvjolaw l-**artikoli 38 u 47** tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

3. Illi l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Joseph Caruana u Francis Caruana u l-lista tax-xhieda a fol. 20 tal-process.

Rat li l-konvenuti Paola Sciortino, Gianni Sciortino, Anna Muscat, Joseph Caruana, Maria Azzopardi, Salvu Sciortino, Calcedonia Sciortino, Nazzareno Caruana, Gaetana Caruana, Felicia Pace, Caterina Pace, Elisa Pace, Maria Borg, Salvu Pace, Filippa Pace, Giusa Camilleri, Emmanuel Buhagiar, Saver Sciortino, Joseph Caruana, Philip Caruana, Filippa Melbourne, Teresa Bugeja, Maria Buhagiar, Francis Caruana u lil Carmelo Pace gew notifikati bic-citazzjoni filwaqt li Concetta Mangion irrifjutat li tiffirma darbtejn kemm fis-6 ta’ Awissu 1982 kif ukoll fis-26 ta’ Jannar 1983.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-14 ta’ Jannar 1993 sas-17 ta’ Frar 1984 (a fol. 31) fejn Dr. John Laferla nforma lill-Qorti li mietet l-attrici fil-mori tal-kawza; u tal-25 ta’ Mejju 1984 fejn deher Dr. George Cutajar li assocja ruhu fil-patrocinju ta’ l-atti u talab differiment ghal-legitimazzjoni ta’ l-atti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ l-avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro u l-Prokuratur Legali Benedict H. Dingli nomine datata 25 ta’ Mejju 1984 a fol. 33 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi n-nomina ta’ l-esponenti ma setghetx hlief saret taht l-artikolu 928 (a) tal-Kodici ta’ Procedura Civili u billi dan jipprovdi ghan-nomina ta’ kuraturi biex jirrapprezentaw persuni ncerti li jistghu jigu msejha ghall-erdita` gjacenti mhux legalment rapprezentata jew persuni li ‘l quddiem jistghu jigu msejha ghal din l-eredita`, mentri fil-kaz prezenti hu car li l-eredita` in kwistjoni mhix giacenti, in-nomina ta’ l-esponenti saret hazin u ghandhom jitqeghdu barra mill-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro u l-P.L. Benedict H. Dingli nomine a fol. 33 tal-process.

Rat ir-rikors ta' John u Francesca mizzewgin Attard datat 15 ta' Novembru 1985 (fol. 37) fejn talbu lill-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna tar-rikorrenti halli jkomplu l-kawza flok l-attrici Maria xebba Azzopardi, illum mejta, u dan *a tenur* ta' l-artikolu 809 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-15 ta' Novembru 1985 sas-16 ta' Frar 1987 (fol. 51) fejn Dr. John Attard Montalto deher ghal xi whud mill-konvenuti li huma patrocinati minnu u talab is-sostituzzjoni ta' Dr. Cremona Barbaro u l-P.L. Benedict Dingli li huma kuraturi deputati li jirrapprezentaw eredi u proprejtarji mhux maghrufa, peress li dawn ma jistghux jezercitaw l-inkarigu. Dr. Laferla ma opponiex u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Wallace Ph. Gulia tat digriet fejn issostitwiet lill-Avukat Anthony Cremona Barbaro u l-Prokuratur Legali Benedict Dingli bl-Avukat Dottor Reno Borg u l-Prokuratur Legali George Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mis-27 ta' Mejju 1987 sad-9 ta' Dicembru 1991 fejn Dr. Laferla ghall-atturi ddikjara illi fil-mori tal-kawza kienet mietet il-konvenuta Felicia Pace li kienet biss uzufruttwarja ta' sehem indiviz mill-fond in kwistjoni u ghalhekk ghandu jara jekk l-eredi ta' din ghandhomx jidhlu fil-kawza *stante* li l-uzufrutt spicca mal-mewt taghha.

Rat ir-rikors ta' l-atturi John u Francesca mizzewgin Attard datat 9 ta' Dicembru 1991 a fol. 68 tal-process fejn talbu lill-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-legittimazzjoni ta' l-atti billi l-atti fir-rigward tal-konvenut Carmelo Pace jigu trasfuzi fil-persuni ta' uliedu Elizabetta mart Joseph Farrugia u Carmelo Pace u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri, bid-digriet taghha moghti fis-26 ta' Dicembru 1991, ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors u digriet lill-eredi presuntivi

Elizabetta mart Joseph Farrugia u Carmelo Pace sabiex, f'kaz li dawn iridu jkomplu l-kawza minflok il-mejjet missierhom, Carmelo Pace, jaghmlu dikjarazzjoni f'dan is-sens permezz ta' nota fi zmien erbat ijiem. Irrizervat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat li l-konvenuti Carmelo Pace u Elizabeth Farrugia gew notifikati b'kopja ta' l-att flimkien ma' estratt mill-**artikolu 5 ta'** Att Nru.XXXII tal-1965 dwar Proceduri Gudizzjari nhar l-20 ta' Jannar 1992 kif jidher *a tergo* ta' fol. 73 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-atturi John u Francesca mizzewgin Attard datat 9 ta' Dicembru 1992 a fol. 74 tal-process fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-trasfuzzjoni tal-gudizzju ta' l-atti a rigward ta' Salvu Sciortino billi jigu nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` tieghu taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha din l-Onorabbli Qorti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri, bid-digriet taghha moghti fis-26 ta' Dicembru 1991 ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors u digriet lil Carmela Sciortino sabiex f'kaz li din trid tkompli l-kawza minflok il-mejjet zewgha Salvu Sciortino taghmel dikjarazzjoni f'dan is-sens permezz ta' nota fi zmien erbat ijiem. Irrizervat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat li Carmela Sciortino giet notifikata b'kopja ta' l-att flimkien ma' estratt mill-artikolu 5 ta' Atti Nru.XXXII tal-1965 dwar Proceduri Gudizzjari nhar l-24 ta' Jannar 1992 kif jidher *a tergo* ta' fol. 74 tal-process.

Rat ir-rikors ta' John u Francesca mizzewgin Attard datat 9 ta' Dicembru 1991 a fol. 80 tal-process fejn talbu lill-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-legittimazzjoni ta' l-atti biex l-atti fir-rigward tal-konvenut Saver Sciortino jigu trasfuzi fil-persuna ta' uliedu Alfred, Joseph, Filippa mart Anthony Farrugia u Catherine mart Julian Gatt, ahwa Sciortino u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri, bid-digriet taghha moghti fis-26 ta' Dicembru 1991 ordnat n-notifika ta' dan ir-rikors u d-digriet lil erba' ahwa Sciortino

imsemmija fir-rikors bhala eredi presuntivi ta’ missierhom Saver Sciortino, sabiex, f’kaz li dawn iridu jkomplu l-kawza minfloku jaghmlu dikjarazzjoni f’dan is-sens permezz ta’ nota fi zmien erbat ijiem. Irrizervat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat li Alfred Sciortino, Filippa Farrugia, Cathrine Gatt u Joseph Sciortino gew notifikati b’kopja ta’ l-att flimkien ma’ estratt mill-artikolu 5 ta’ Atti Nru.XXXII tal-1965 dwar Proceduri Gudizzjari nhar l-20 ta’ Jannar 1992 kif jidher *a tergo* ta’ fol. 80 tal-process.

Rat in-nota ta’ Elizabeth mart Joseph Farrugia datata 23 ta’ Jannar 1992 a fol. 87 tal-process li biha ddikjarat li trid tkompli l-kawza minflok il-mejjet missierha Carmelo Pace. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri, b’digriet moghti fl-1 ta’ Marzu 1992, laqghet it-talba u ordnat t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta’ Elizabetta mart Joseph Farrugia u Carmelo Pace minflok il-mejjet Carmelo Pace.

Rat in-nota ta’ Carmelo Pace datata 29 ta’ Jannar 1992 a fol. 88 tal-process li biha accetta li l-atti jigu legittimati billi jigu trasfuzi f’ismu, minflok il-mejjet missieru Carmelo Pace. Il-Qorti regghet rat ir-rikors u d-digriet taghha precedenti tas-26 ta’ Dicembru 1991. Rat li l-armla tal-mejjet Salvu Sciortino, Carmela Sciortino, ghalkemm notifikata bid-digriet, naqset li fiz-zmien moghti lilha tiddikjara permezz ta’ nota li trid tkompli l-kawza minflok il-mejjet zewgha; il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Avukat Dottor Yana Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali George Scicluna, li lilhom kien imiss it-turn, bhala kuraturi deputati biex jidhru minflok il-mejjet Salvu Sciortino.

Rat l-istess rikors u d-digriet taghha precedenti tas-26 ta’ Dicembru 1991 (fol. 91); rat li wlied il-mejjet, ghalkemm debitament notifikati bl-imsemmi digriet, naqsu li, fiz-zmien moghti lilhom, permezz ta’ nota jiddikjaraw li riedu jissoktaw il-kawza minflok il-mejjet missierhom Saver Sciortino; il-Qorti kif diversament presjeduta, laqghet it-talba u innomninat lill-Avukat Peter Borg Costanzi u lill-

Prokuratur Legali Lucy Bonello, li lilhom mess it-turn, bhala kuraturi deputati biex jidhru minflok il-mejjet Saver Sciortino.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dr. Peter Borg Costanzi u tal-Prokuratur Legali Lucy Bonello datata 11 ta’ Marzu 1992 a fol. 93 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi huma m’humiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jaghtu eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri pero` fi kwalunkwe kaz l-attrici trid tipprova li hija tissodisfa l-kweziti stipulati mil-ligi senjatament dawk fl-artikolu 10 B tal-Ordinanza li tnehhi l-Kontroll tad-Djar.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Dr. Borg Costanzi u tal-Prokuratur Legali Lucy Bonello noe a fol. 93 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, mit-2 ta’ Marzu 1992 sas-19 ta’ Ottubru 1992.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali George Scicluna bhala kuraturi deputati biex jidhru minflok il-mejjet Salvu Sciortino, datata 24 ta’ Novembru 1992 kif jidher a fol. 96 tal-process fejn eccepew:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatt li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali George Scicluna bhala kuraturi deputati biex jidhru minflok il-mejjet Salvu Sciortino u l-lista tax-xhieda kif jidher a fol. 97 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-18 ta’ Jannar 1993 u tat-22 ta’ Marzu 1993 fejn Dr. John Laferla ddikajra illi riedet illi ssir il-

legittimazzjoni ta’ l-atti minhabba l-mewt tal-konvenuta Felicia Pace; tal-14 ta’ Mejju 1993 fejn Dr. John Laferla nforma lill-Qorti illi fil-mori tal-kawza miet iehor mill-konvenuti u *cioe`* Giovanni Sciortino; tas-6 ta’ Ottubru 1993 fejn Dr. Laferla ddikjara illi mill-ahhar differiment ‘l hawn mietet ukoll il-konvenuta Calcedonia Sciortino u ghalhekk il-legittimazzjoni ta’ l-atti qed issir fir-rigward ta’ Felica Pace, Giovanni Sciortino u Calcedonia Sciortino.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat 14 ta’ Settembru 1993 a fol. 104 tal-process fejn l-esponenti talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri, prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi, tinnomina kuratur ghall-eredita` gjacenti ta’ Giovanni Sciortino wara li taghti l-opportuni provvedimenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta nnominat lil Dr. Raymond Zammit u lill-Prokuratur Legali Lucy Bonello b’digriet moghti fit-13 ta’ Ottubru 1993.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat 1 ta’ Ottubru 1993 a fol. 116 tal-process fejn l-esponenti talbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi, tinnomina kuraturi ghall-eredita` gjacenti ta’ Calcedonia Sciortino wara li taghti l-opportuni provvedimenti u dan fil-kawza fl-ismijiet premessi u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta nnominat lil Dr. Yana Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Avukat Dr. Raymond Zammit datata 3 ta’ Frar 1994 a fol. 121 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi hu mhux edott mill-fatti u jzomm ferm li jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri.

2. Illi ma giex indikat l-Imhallef li quddiemu qed tinstema’ l-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ Dr. Raymond Zammit a fol. 121 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-erdita` gjacenti ta’ Calcedonia Sciortino, datata 15 ta’ Frar 1994 a fol. 124 tal-process fejn eccipew:

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzoni ta’ l-avukat Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Paul Saliba, kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-erdita` gjacenti ta’ Calcedonia Sciortino, kif jidher a fol. 124 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri mis-26 ta’ Novembru 1993 sat 8 ta’ Gunju 1994 fejn il-Qorti rrilevat illi n-nota ta’ l-eccezzjonijiet a fol. 121 hija maghmula hazin ghaliex giet intavolata f’isem Dr. Raymond Zammit meta messha kienet intavolata bl-isem Dr. Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello bhala kuraturi deputati.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Raymond Zammit *nomine* datata 8 ta’ Gunju 1994 a fol. 127 tal-process fejn talab korrezzjoni fis-sens li wara l-kliem Dr. Raymond Zammit jitqiegħed il-kliem *“nomine”.* Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri, bid-digriet taghha moghti fit-28 ta’ Gunju 1994, laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet fis-sens li wara l-kunjom Zammit ghandhom jizdiedu l-kliem “u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello, b’digriet tat-13 ta’ Ottubru 1993, nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta’ Giovanni Sciortino”, kif ukoll tad-dikjarazzjoni, fis-sens li l-kliem “konvenut” tinqala’ barra u tkun sostitwita bil-kliem “Avukat” u wara l-kunjom Zammit jizdiedu l-kliem fuq riportati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri mis-16 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju 1996 fejn xehdet Concetta Mangion ingunta mill-attur Attard (fol. 144).

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 18 ta' Ottubru 1995 a fol. 133 tal-process fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-kawza tghaddi fil-persuna tal-werriet prezuntiv fuq imsemmi tad-*decujus* u jekk dak il-werriet presuntiv fi zmien xahar min-notifika ma jiddikjarax permezz ta' nota li jrid jissokta l-kawza tordna li jigu mahtura kuraturi biex jidhlu flok il-mejta. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri, bid-digriet taghha moghti fit-22 ta' Ottubru 1995, ordnat qabel xejn li l-eredi prezuntiva tigi notifikata b'kopja tar-rikors u ta' dan id-digriet sabiex, fi zmien xahar min-notifika, tiddikjara bil-mezz ta' nota jekk tridx tkompli minflok il-parti l-mejta. Irrizervat li tipprovdi ulterjorment fi stadju iehor.

Rat in-nota ta' Ludgarda Borg datata 17 ta' Novembru 1995 a fol. 136 illi biha ddikjarat illi hija tixtieq tissokta l-kawza fl-ismijiet premessi minflok il-parti l-mejta Felicia Pace. Il-Qorti kif diversament presjeduta, bid-digriet taghha moghti fit-23 ta' Jannar 1996, ipprovdiet definittivament fuq l-istess rikors billi ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' l-istess Ludgarda Borg sabiex tkompli l-kawza minflok il-konvenuta Felicia Pace, li mietet fil-mori tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-8 ta' Jannar 1997 fejn Dr. John Laferla ddikjara illi l-konvenut Emanuel Buhagiar miet fil-mori tal-kawza.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 7 ta' Frar 1997 a fol. 149 tal-process fejn talbu lill-Onorabbli Qorti, prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi, tinnomina kuraturi ghall-eredita` gjacenti ta' Emanuel Buhagiar wara li taghti l-opportuni provvedimenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia, innominat lill-Avukat

Dr. Vincent Galea u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, kollox kif jidher fid-digriet moghti fit-18 ta’ Marzu 1997 a fol. 156 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati bhala kuraturi deputati ghall-eredita` gjacenti ta’ Emanuel Buhagiar li miet fil-mori tal-kawza fejn eccepew:

1. Illi huma m’humiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jaghtu eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri pero` fi kwalunkwe kaz l-attrici *et* trid tipprova li hija tissodisfa l-kweziti stipulati mil-ligi senjatament dawk fl-artikolu 12 ta’ l-Ordinanza li tnehhi l-Kontroll tad-Djar.

2. Salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat d-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ Dr. Vincent Galea u tal-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer *noe* a fol. 163 u 164 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri mis-16 ta’ April 1997 sat-23 ta’ Frar 1998 fejn Dr. J. Laferla ddikjara li minn l-ahhar differiment ‘l hawn mietet il-konvenuta Anna Muscat.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat 20 ta’ Mejju 1998 a fol. 169 tal-process fejn talbu lill-Onorabbli Qorti, prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi, tinnomina kuraturi ghall-eredita` gjacenti ta’ Anna Muscat wara li taghti l-opportuni provvedimenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Franco Depasquale, bid-digriet taghha moghti fid-19 ta’ Gunju 1998, innomina lill-Avukat Dr. Georg Sapiano u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro bhala Kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri mit-18 ta Mejju 1998 sal-1 ta’ Marzu 2000 fejn l-

attur John Attard informa lill-Qorti illi jum ilu mietet il-konventuta Filippa Melbourne; u tat-8 ta' Mejju 2000.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 21 ta' Gunju 2000 a fol. 186 tal-process fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar deputati kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eridita` gjacenti tal-mejjet Salvatore Pace fl-atti ta' din ic-citazzjoni u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia, fid-digriet taghha moghti fis-17 ta' Lulju 2000 innominat lill-Avukat Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet tal-ligi.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 9 ta' Ottubru 2000 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-16 ta' Novembru 2000; tas-7 ta' Frar 2001; tal-21 ta' Marzu 2001; tal-14 ta' Gunju 2001; u tal-25 ta' Ottubru 2001.

Rat in-nota ta' l-atturi datata 28 ta' Frar 2001 a fol. 201 tal-process, li permezz taghha, in ottemperanza ma' l-ordni tal-Qorti moghtija fis-seduta tas-7 ta' Frar 2001 ipprezentaw fotokopja tar-rikorsi ghall-legittimazzjoni tal-Qorti, u fl-istess hin informaw lill-Qorti illi l-inkartamenti relattivi ta' l-istess gew rintraccati, f'rikors minnhom gja gew nominati bhala kuraturi deputati l-avukat Vincent Galea u l-P.L. Liliana Buhagiar u fir-rikors l-iehor il-bandu relattiv gie notifikat u l-inkartament qieghed ghand l-attwarja.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 27 ta' Gunju 2000 a fol. 212 tal-process fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar deputati kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti tal-mejta Filippa Melbourne fl-atti ta' din ic-citazzjoni u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco bid-digriet moghti fil-5 ta' Marzu 2001 innominat lill-Avukat Dr. Vincent Galea u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala Kuraturi ghall-finijiet kollha tal-Ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja** nominati b'digriet tal-5 ta' Marzu 2001 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti tal-mejta Filippa Melbourne datata 24 ta' April 2001 a fol. 225 tal-process fejn eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi nomine a fol. 226 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attur John Attard datata 25 ta' Ottubru 2001 a fol. 233 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess li huwa mmarkat bhala Dok "XX".

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-8 ta' Jannar 2002 u tat-18 ta' April 2002 fejn Dr. Laferla nforma lill-Qorti li miet wiehed mill-konvenuti Carmelo Pace u ghalhekk riedu jsiru l-legittimazzjoni ta' l-atti. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna ghall-11 ta' Gunju 2002.

Rat ir-rikors tal-konjugi John u Francesca Attard datat 28 ta' Mejju 2002 a fol. 240 tal-process fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiehu dawk il-mizuri u provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni sabiex jigi accertat li c-cavetta li hemm depozitata l-Qorti taqbel mas-serratura li hemm fil-bieb b'mod li din tiftah l-istess serratura u fin-nuqqas tordna li jsir katnazz issigillat b'mod li l-bieb ma jkunx jista' jinfetah u li c-cavetta ta' l-istess katnazz tinzamm idepozitata l-Qorti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna laqghet it-talba u ordnat li l-Marixxall tal-Qorti jippreleva c-cwievet depozitati l-Qorti sabiex, fil-prezenza tal-partijiet u / jew id-difensuri taghhom jaccedu fuq il-post u jivverifika jekk ic-cwievet hekk depozitati jifthux is-

serratura. Fin-nuqqas ghandu jsir katnazz issigillat mill-marixxall u c-cwievet jigu depozitati taht l-Awtorita` tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna a fol. 243 tal-process fejn deher Dr. Anthony Cutajar li assocja ruhu ma’ Dr. John Laferla. Billi kien ghad jonqos il-legittimazzjoni ta’ l-atti u l-kawza giet differita ghat-8 ta’ Novembru 2002 ghal dan l-iskop.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta’ Novembru 2002 u tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn Dr. Kenneth Cutajar informa l-Qorti li l-konvenuta Theresa Bugeja mietet fil-mori tal-kawza. Il-Qorti fuq talba ta’ Dr. Cutajar peress li l-fond jinsab sgassat awtorizzat lil John Attard sabiex jiehu l-mizuri biex il-post li huwa vojt u vakant jigi mbarrat b’mod adekwat. Il-kawza giet differita ghat-13 ta’ Mejju 2003 ghal-legittimazzjoni ta’ l-atti; tat-13 ta’ Mejju 2003 sad-19 ta’ Jannar 2004 fejn il-kawzi kollha gew differita ghal-legittimazzjoni ta’ l-atti.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi John u Francesca Attard datat 8 ta’ Jannar 2004 a fol. 250 tal-process fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha *a tenur* ta’ l-**artikolu 807 tal-Kap 12**, tordna li l-werrieta prezuntivi jiddikjaraw sa zmien xahar hekk humiex bi hsiebhom ikomplu l-kawza u fin-nuqqas din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar kuratur *ad litem*, sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-mejjet Carmelo Pace li miet fit-13 ta’ Marzu 2002 biex b’hekk il-kawza tkun tista’ tkompli sal-ezitu finali taghha. Il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li l-istess jigi notifikat lill-persuni ndikati fit-tielet paragrafu li ghandhom xahar zmien biex jiddikjaraw jekk huma bi hsiebhom ikomplu l-kawza f’isimhom *ai termini* ta’ l-**artikolu 807 (2) Kap 12,** tirriserva li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mis-6 ta’ Frar 2004 sas-16 ta’ April 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kenneth Cutajar ghall-

atturi u Dr. AnnMarie Busuttil flimkien ma' Dr. E. Caruana Demajo qed jassumu l-patrocinju ta' Mary Pace u l-konvenuti wliedha. Dr. AnnMarie Busuttil pprezentat nota ta' Raymond Pace, hutu u Mary Pace li ddikjaraw li jridu jkomplu l-kawza f'isimhom bhala werrieta ta' Carmelo Pace. Il-Qorti ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju minn fuq Carmelo Pace ghal fuq il-persuni fuq indikati u ordnat li ssir d-debita aggustament fl-okkju tal-kawza. Giet prezentata nota ta' Mary Pace biex tirrapprezenta lil Antoinette Pace li tinsab assenti minn dawn il-gzejjer. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Mejju 2004 ghal-legittimazzjoni ta' l-atti fil-konfront ta' Tereza Bugeja.

Rat in-nota ta' Raymond Pace, Marthese mart Jesmond Scerri, Philip Pace, Carmen Pace, u Mary Pace bhala kuraturi ta' Antoinette Pace pprezentata *seduta stante* fis-16 ta' April 2004; u n-nota ta' Mary Pace li biha tidhol bhala kuratrici biex tirrapprezenta lil Antoinette Pace li hija assenti minn dawn il-gzejjer.

Rat ir-rikors ta' l-atturi John u Francesca Attard datat 8 ta' Jannar 2004 a fol. 256 tal-process fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha *a tenur* ta' l-**artikolu 929 (a)** *et sequitur* tal-**Kap 12**, sabiex prevja l-hrug tas-soliti bandi, tahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Antoinette Pace, biex b'hekk il-kawza tkun tista' tkompli sal-ezitu finali taghha. Il-Qorti kif diversament presjeduta bid-digriet taghha moghti fil-11 ta' Frar 2004 innominat lill-avukat Dr. Anthony Cutajar u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors ta' l-atturi John u Francesca Attard datat 5 ta' Marzu 2004 a fol. 268 tal-process fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha *a tenur* ta' l-**artikolu 807** tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Proceduri Civili, tordna il-werrieta prezunti msemmija jiddikjaraw sa zmien xahar, jekk humiex bi hsiebhom ikomplu l-kawza u fin-nuqqas, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar 'kuratur *ad litem',* sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-mejta konvenuta Theresa Bugeja, biex b'hekk il-kawza tkun tista' tkompli sa l-ezitu taghha. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cushieri bid-digriet taghha tal-10

ta’ Marzu 2004 ordnat in-notifika ta’ l-istess lill-persuni ndikati fir-rikors b’xahar zmien biex jiddikjaraw jekk humiex ippreparati jkomplu l-kawza skond l-**artikolu 807**.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-12 ta’ Mejju 2004 sal-20 ta’ April 2005 fejn deher Dr. Kenneth Cutajar ghall-atturi u pprezenta nota b’dokument u mpenja ruhu li jghaddi kopja lid-difensuri tal-kontro-parti. L-atturi ddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Mejju 2005 sabiex il-konvenuti jiddikjaraw xi provi ghandhom; tas-17 ta’ Mejju 2005; tal-5 ta’ Ottubru 2005 u tat-18 ta’ Novembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kenneth Cutajar ghall-atturi u l-kuraturi Dr. Vincent Galea u Dr. Raymond Zammit. Deher wiehed mill-atturi. Giet trattata l-kawza minn Dr. Kenneth Cutajar. Il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Frar 2006 ghat-trattazzjoni u / jew prezentata tan-nota ta’ sottomissjonijiet *da parte* tal-konvenuti.

Rat ir-rikors ta’ Anthony Bugeja datat 31 ta’ Jannar 2006 a fol. 296 tal-process fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeferixxi l-kawza ghal-provi tieghu. Il-Qorti kif hekk illum presjeduta, bid-digiriet taghha ta’ l-1 ta’ Frar, 2006 cahdet it-talba anke peress li l-Qorti diversament presjeduta kienet iddikjarat il-provi maghluqa fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2005 u l-kawza kienet giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta’ Novembru 2005 u sussegwentement ghall-1 ta’ Frar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-1 ta’ Frar 2006 a fol. 298 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kenneth Cutajar ghall-atturi u Dr. John Mizzi ghall-konvenuta Borg. Dr. Gulia u Anthony Bugeja l-konvenut imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti wriet lid-difensuri prezenti r-rikors tal-konvenut Bugeja u Dr. Cutajar irrileva li l-provi huma maghluqa. Il-Qorti rat ir-rikors ta’ Anthony Bugeja tal-31 ta’ Jannar 2006. Rat il-verbal odjern. Rat li r-rikorrenti u d-difensuri tieghu baqghu ma dehrux. Il-Qorti cahdet it-talba anke peress li l-Qorti kif diversament presjeduta kienet iddikjarat il-provi maghluqa fis-seduta

tal-5 ta’ Ottubru 2005, u l-kawza kienet giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta’ Novembru 2005 u sussegwentement ghall-1 ta’ Frar 2006. Il-Qorti nnotat li din il-kawza ilha pendenti minn 1982. Dr. Cutajar irrileva li hu diga` tratta, pero` fl-atti m’hemm l-ebda ndikazzjoni tat-trattazzjoni. Dr. Cutajar, ghall-atturi, talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ sittin (60) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom sittin (60) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigixipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-1 ta’ Gunju 2006.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. Kenneth Cutajar datat 28 ta’ April 2006 a fol. 300 tal-process li permezz tieghu pprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet. Il-Qorti, fid-digriet taghha tat-2 ta’ Mejju 2006, laqghet it-talba u ordnat n-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti bit-terminu ta’ nota responsiva kif indikat fl-1 ta’ Frar 2006. Il-Qorti ordnat ukoll li dan id-digriet jigi notifikat lid-difensuri tal-kontro-parti.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Peter Borg Costanzi *nomine* datat 4 ta’ Mejju 2006 a fol. 309 tal-process fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tahtar perit sabiex jaghmel stima tal-proprjeta` *de quo* li jkollu dritt jaccedi fil-post u dan jekk hemm bzonn anke bl-assistenza tal-Pulizija. Il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro-parti bi zmien ghaxart ijiem (10) ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Kenneth Cutajar datata 29 ta’ Mejju 2006, fejn il-Qorti, bid-digriet moghti fl-1 ta’ Gunju 2006 cahdet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Gunju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Galea bhala kuratur. Dr. Peter Borg Costanzi u Dr. Kenneth Cutajar imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti rreferiet lid-difensuri ghar-rikors ta’ Dr. Peter Borg Costanzi tal-4 ta’

Mejju 2006. Il-Qorti ordnat lill-atturi biex permezz ta’ nota fi zmien tletin (30) gurnata jipprezentaw nota bil-valur ta’ cens perpetwu, jekk tigi milqugha t-talba attrici, li huma qed jippretendu li jkun japplika, abbazi ta’ l-**artikolu 12 (4) u (6) tal-Kap 158** bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-1 ta’ Novembru 2006.

Rat in-nota ta’ l-atturi datata 23 ta’ Ottubru 2006 a fol. 316 tal-process li permezz taghha ddikjaraw:- illi in bazi ghall-**artikoli 12(4) u (6) tal-Kap 158,** f’kaz li tigi milqugha t-talba attrici ghall-konverzjoni minn cens temporanju ghal wiehed perpetwu, peress illi c-cens originali kien ta’ lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm1.41,7) u peress li ic-cens ghalaq fl-10 ta’ Settembru 1981 u b’hekk gia` kien hemm lok ghall-ewwel zewg revizjonijiet (cioe` fl-1981 u hmistax-il sena wara fl-1996), skond il-formola stipulata mil-ligi:- il-valur tac-cens perpetwu stabbili fl-1981 kellu jkun ta’ tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50,2): - u dak odjern u b’effett mill-1996 kellu jkun ta’ hdax-il lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm11.45).

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Novembru 2006 a fol. 317 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kenneth Cutajar ghall-atturi u Dr. Vincent Galea bhala kuratur. Dr. Peter Borg Costanzi u Dr. Gavin Gulia ssejhu diversi drabi baqghu ma deherux. Il-Qorti rat ir-rikors ta’ Dr. Peter Borg Costanzi tal-4 ta’ Mejju 2006. Rat ir-risposta ta’ l-attrici u kkonfermat ic-cahda ta’ tali talba bid-digiriet taghha ta l-1 ta’ Gunju 2006. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-31 ta’ Jannar 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-konversjoni ta’ enfitewsi temporanja f’wahda perpetwa skond l-artikoli 12(4) u (6) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta’ Malta. Huma jsostnu li peress li *si tratta* ta’ cens temporanju moghti qabel l-1979 ghal aktar minn tletin sena u li f’gheluq ic-cens min kien qed jokkupa l-imsemmija dar – l-inkwilina Carmela Grech – kienet cittadina Maltija u qed tokkupaha bhala residenza ordinarja taghha, allura t-talba taghhom bhala l-aventi kawza tal-attrici ghandha tintlaqa’ ghaliex l-elementi rikjesti mill-ligi gew sodisfatti.

Illi kif jirrizulta mill-process gew ipprezentati diversi noti ta’ eccezzjonijiet anki minhabba l-fatt li matul dawn il-proceduri mietu xi partijiet fil-kawza inkluza Maria Azzopardi li tigi l-aventi kawza tal-atturi.

Illi jidher li din it-talba saret abbazi ta’ l-artikolu 12 (4) u (6) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan rigwardanti l-fond 40, Main Street. Zebbug li originarjament kien inghata permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincenzo Giorgio Giojoso datat 11 ta’ Settembru 1905 lil Michele Azzopardi minn Maria armla ta’ Giuseppe Zammit ghall-perjodu ta’ 76 sena taht titolu ta’ enfitewsi u dan *verso* c-cens ta’ Lira, tmien xelini u erba’ soldi (Lm1.41.7m) u b’effett mid-data ta’ l-istess kuntratt, liema kuntratt jinsab esebit bhala Dok. “A” a fol. 3 tal-process. Tali cens ghalaq ghalhekk fl-10 ta’ Settembru 1981.

Illi l-kawza kienet saret minn Maria Azzopardi fis-sena 8 ta’ Marzu 1982, li qed tallega li Michele Azzopardi kien in-nannu patern taghha; din Maria Azzopardi mietet fit-12 ta’ Jannar 1984 u l-eredi taghha huma John u Francesca Attard u dan skond testment datat 23 ta’ Frar 1982 fl-atti tan-Nutar Nicola Said (Dok. “V” – fol. 39 tal-process)

Illi John Attard b’affidavit tieghu datat 20 ta’ Awissu 2001 sostna li dan Michele Azzopardi kien miet fis-16 ta’ Dicembru 1913, fil-waqt li martu mietet qablu u kellhom zewgt itfal Filippo li miet guvni fl-10 ta’ Jannar 1930 u Giuseppe li miet fl-24 ta’ Mejju 1927 u kellhom zewgt itfal

Carmela Azzopardi u l-attrici Maria Azzopardi; Carmela Azzopardi mietet fit-8 ta' Dicembru 1981 u halliet bhala eredi lill-istess Maria Azzopardi skond testmenti esebiti ma' l-affidavit ta' l-istess John Attard, u ghalhekk il-kawza infethet biss minn din l-imsemmija Maria Azzopardi.

Illi gie allegat li l-istess fond inghata b'kera lil Paolo u Carmela Grech u dan *verso* l-kera ta' Lm20 fis-sena, u fiz-zmien li ghalaq ic-cens allura fl-10 ta' Settembru 1981 kienet qed tghix fl-istess fond Carmela Grech bhala armla, li allegatament ghamlet xi zmien tghix mat-tifla taghha Bugibba, u dar baqghet vojta meta mietet l-istess Carmela Grech u allegatament sar depozitu tac-cwievet il-Qorti u dan wara li l-istess John Attard lanqas accetta l-kera minghand din l-imsemmija Carmela Grech. Illi Maria u Carmela Azzopardi kienu pprezentaw ittra ufficjali fit-23 ta' Settembru 1981 kontra s-sidien.

Illi din il-Qorti thoss li abbazi ta' dak hawn premess t-talba attrici ma tistax tintlaqa u dan peress li din il-Qorti thoss li hemm nuqqas ta' provi u dokumenti relattivi ta' kif it-titolu ta' l-istess enfitewsi wasal ghand dik li kienet l-attrici Maria Azzopardi u dan minghand min kien l-enfitewta Michele Azzopardi.

Illi fit-tieni lok din il-Qorti thoss li r-rekwisiti ta' l-artiklu **12 (4) tal-Kap 158** ma gewx sodisfatti u dan peress li dik li kienet l-attrici Maria Azzopardi fid-data meta ghalaq ic-cens fid-data fuq indikata ta' l-10 ta' Settembru 1981 ma kenitx tokkupa l-istess fond bhala r-residenza ordinarja taghha kif hemm indikat fl-istess artikolu, anzi l-attur John Attard jiddikjara li f'dak iz-zmien il-fond kien mikri lill-Paolo u Carmela Grech, u jidher li almenu fid-data indikata kienet tghix fl-istess fond Carmela Grech bhala armla, u din fil-fatt iddepositat ic-cwievet ta' l-istess fond il-Qorti biss b'cedola ta' depositu datata 29 ta' Novembru 2003 – Dok. "JAO" – a fol. 236 tal-process.

Illi ghalhekk l-**artikolu 12 (4) tal-Kap 158** ma japplikax ghall-attrici Maria Azzopardi proprju ghaliex ma kenitx tokkupa l-fond fuq imsemmi bhala l-fond tar-residenza ordinarja taghha u jidher li l-**artikolu 12 (5) tal-kap 158**

ma japplikax ghall-kaz in ezami, u dan kemm minhabba l-passi li hadet l-attrici u kif ukoll ghaliex l-istess Carmela Grech bhala l-persuna li kienet tokkupa l-istess fond bhala r-residenza ordinarja taghha ma hadet l-ebda pass abbazi ta' l-istess artikolu u fil-fatt qatt ma gie allegat dan mill-atti tal-kawza. Dak li inghad ghall-attrici Maria Azzopardi japplika wkoll ghall-atturi odjerni John u Francesca mizzewgin Attard. Hawn issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Frangiska Camilleri et vs Salvatore Muscat nomine et"** datata 27 ta' Jannar 1995 (P.A. (GCD)).

Illi dan qed jinghad apparti dak li gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet **"Mario Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et" (Rik. Nru: 348/91/RCP)** deciza fit-3 ta' Ottubru, 2000 fejn l-istess imsemmija **artikoli 12 (4) u (5) tal-Kap.158** – ***L-Ordinanza tal-1959 Dwar it-Tnehhija tad-Djar mill-Kontroll*** gew iddikjarati bhala antikostituzzjonali *stante* li jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem pretizi mir-rikorrenti taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Appell mill-istess gie dikjarat dezert permezz ta' decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali datata 16 ta' Ottubru 2006.

Illi rigward l-**artikolu 12 (6) tal-Kap.158** dan huwa intimament konness ma' l-**artikoli 12 (4) u (5**) u ma jezistix indipendentement minnhom *stante* li jipprovdi li *"meta l-enfitewta jew min ikun qed jokkupa d-dar ikollu jedd jikkonverti enfitewsi temporanja f'wahda perpetwa taht is-subartikolu (4) jew (5), dan jista' jitlob li jsir kuntratt nutarili f'dan is-sens, u l-padrun dirett jew il-proprjetarju ghandu jilqa' dik it-talba".*

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn premess, **tichad**

**it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet indikati f’din is-sentenza.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Settembru 1981 kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------